**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 565/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Nathan Magri**

**Illum 9 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Nathan Magri, iben missier mhux magħruf u Mary Louise neè Magri, imwieled il-Pietà fl-10 ta' Marzu 2001 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 117301L, talli nhar il-31 ta' Awwissu 2021, bejn id-disgħa ta' filgħodu u l-għaxra ta' filgħodu (09:00hrs-10:00hrs) ġewwa l-fond numru 182, Flat 2, Triq Sant' Orsla, Belt, Valletta, u f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' kartiera bi flus kontanti u dokumenti oħra għad-detriment ta' Onorato Sciberras, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u bil-valur ta' aktar minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda anqas minn elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 262, 267 u 269 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Onorato Sciberras f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Onorato Sciberras (persuna li għalqet eta' ta' sittin sena), hekk kif ċċertifika Dr. Stefan Camilleri M.D., ġewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 221 u 222A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U talli nhar il-31 ta' Awwissu 2021, għall-ħabta tas-siegħa ta' waranofsinhar u fil-jiem ta' qabel din id-data fi Triq il-Kbira, Sliema, u f'dawn il-Gżejjer:

3. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) il-Qorti tipprovdi għas-sigurtà ta' Onorato Sciberras ai termini ta' l-Artikolu 383 *et sequitur* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Onorato Sciberras ai termini ta' l-Artikolu 412 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) f'każ ta' ħtija, il-Qorti, minbarra li tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Nathan Magri jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-Esperti jekk ikun il-każ, skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, inkluż il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, markati Dok. "DB1" sa' Dok. "DB7" a fol. 7 sa' 18 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Onorato Sciberras datat 4 ta' Ottubru 2021[2];

Semgħet ix-xhieda ta' PS1585 James Weatherill[3], PC2412 Mariah Bongailas[4] u ta' Onorato Sciberras[5] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Justine Grech[6] u ta' l-Ispettur Daryl Borg[7] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Justine Grech markati Dok. "JG1" u Dok. "JG2" u rat id-dokument, ossia filmati ta' CCTV carmeras, esebit mill-Ispettur Daryl Borg markat Dok. "DB8" a fol. 35 tal-proċess[8], rat l-affidavit tat-Tabib Dr. Stefan Camilleri markat Dok. "SC" a fol. 54 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1124 Steve Borg mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2022[9] u x-xhieda tat-Tabib Dr. Stefan Camilleri mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2022[10], semgħet ix-xhieda ta' l-Espert

[1] Fol. 19 tal-proċess.
[2] Fol. 43 tal-proċess.
[3] Fol. 23 u 24 tal-proċess.
[4] Fol. 25 u 26 tal-proċess.
[5] Fol. 27 sa' 30 tal-proċess.
[6] Fol. 31 u 32 tal-proċess.
[7] Fol. 33 u 34 tal-proċess.
[8] Dan id-dokument ġie rtirat mill-Espert Tekniku John Sacco u in segwitu ritornat mill-istess Espert flimkien ma' u formanti parti integrali tar-Relazzjoni tiegħu.
[9] Fol. 56 u 57 tal-proċess.
[10] Fol. 59 tal-proċess.

Tekniku John Sacco[11] mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2022[12] u rat r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 65 sa' 82 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Forensiku l-Ispiżjar Gilbert Mercieca[13] mogħtija fit-23 ta' Awwissu 2022[14] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "GM" a fol. 93 sa' 101 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' Maria Caruana, in rappreżentanza tal-Caritas, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2023[15];

Rat li d-Difiża ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u li l-imputat jagħżel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri[16];

Rat li l-Prosekuzzjoni u d-Difiża talbu li l-kawża tibqa' għas-sentenza[17];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-31 ta' Awwissu 2021, bejn 09:00hrs-10:00hrs, ġewwa l-fond numru 182, Flat 2, Triq Sant' Orsla, Belt, Valletta, u f'dawn il-Gżejjer: (1) ikkommetta serq ta' kartiera bi flus kontanti u dokumenti oħra għad-detriment ta' Onorato Sciberras, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u bil-valur ta' aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 262, 267 u 269 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Onorato Sciberras f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Onorato Sciberras (persuna li għalqet eta' ta' sittin sena), ħekk kif ċċertifika Dr. Stefan Camilleri M.D., ġewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 221 u 222A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Qed jiġi mixli wkoll talli nhar il-31 ta' Awwissu 2021, għall-ħabta tas-siegħa ta' waranofsinhar u fil-jiem ta' qabel din id-data fi Triq il-Kbira, Sliema, u f'dawn il-Gżejjer: (3) kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) u kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Xhieda:**

---

[11] Nominat permezz ta' Digriet datat 14 ta' Marzu 2022, fol. 61 tal-proċess.
[12] Fol. 64 tal-proċess.
[13] Nominat permezz ta 'Digriet datat 14 ta 'Marzu 2022, fol. 61 tal-proċess.
[14] Fol. 91 u 92 tal-proċess.
[15] Fol. 108 u 109 tal-proċess.
[16] Vide verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2023, fol. 107 tal-proċess.
[17] *Ibid.*

Fir-rigward ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, xehdu is-segwenti:

**PS1585 James Weatherill**[18] xehed li fil-31 ta' Awwissu 2021, għall-ħabta tad-9:30a.m. daħal rapport ġewwa l-Għassa tal-Belt fejn Onorato Sciberras stqarr li xi ħadd kien għadu kemm daħal fir-residenza tiegħu, Nru. 182, Triq Sant' Ursula, il-Belt, li kellha l-bieb ta' barra miftuħ, u seraqlu l-kartiera. Għalkemm ipprova jirreżistieh, ma felaħx għalih peress li dan il-persuna kien żgħir fl-età. Fil-kartiera huwa kellu madwar €300 fi flus kontanti. Iddeskriva lil dan il-persuna li daħal fir-residenza tiegħu bħala ta' statura rqiqa, xagħru skura, ġilda ċara, li kellmu bil-Malti u kien liebes flokk griż u baskett mal-ġenb ta' qaddu. Hekk kif PS1585 James Weatherill ġie nfurmat b'dan ir-rapport, huwa għarraf lill-Ispettur Daryl Borg u ta istruzzjonijiet biex jiġi verifikat f'CCTV cameras jista' hemm fl-akkwati ta' l-akkadut.

Dak affermat minn PS1585 James Weatherill ġie kkonfermat minn **PC2412 Mariah Bongailas**[19], illi kienet l-uffiċjal ġewwa l-Għassa tal-Belt li ħadet ir-rapport ta' Onorato Sciberras. L-imsemmija PC2412 Mariah Bongailas ikkonfermat li d-dokument markat Dok. "DB2" a fol. 10 sa' 13 tal-proċess huwa r-rapport li kien għamel Onorato Sciberras dakinhar tal-31 ta' Awwissu 2021.

L-**Ispettur Daryl Borg**[20] ikkonferma dak kollu affermat minn PS1585 James Weatherhill kif ukoll il-fatt li l-Ispettur Justine Grech (ser issir referenza għax-xhieda tagħha iktar l-isfel f'din is-sentenza) kienet infurmatu bl-arrest ta' Nathan Magri u dwar dak li nstab fil-pussess tiegħu. Iddikjara wkoll li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija kienu nġabru filmati mill-akkwati tar-resdienza ta' Onorato Sciberras ġewwa l-Belt u dawn ġew esebiti minnu bħala Dok. "DB8". Ikkonferma li lill-imputat itteħditlu stqarrija - liema stqarrija tinsab esebita bħala Dok. "DB1" a fol. 7 sa' 9 tal-proċess - fejn ingħata s-solita twissija kif ukoll d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, jedd dan li l-imputat użufruwixxa minnu, u li jkollu avukat preżenti waqt l-istqarrija, jedd dan li l-imputat għażel li ma jieħux. Fir-rigward ta' dak li ġara u x'qallu l-imputat, l-Ispettur Borg iddikjara *jien kont staqsejtu rigward il-wallet fejn hu kien ammetta illi kien daħal fir-residenza ta' Onorato Sciberras u kien ħadlu l-wallet fejn ukoll semmejtlu jekk għamilx xi ġrieħi fuq l-istess Onorato Sciberras fejn hu qal li, il-kliem tiegħu kienu, li ġew fl-idejn.*

**Onorato Sciberras**[21] xehed illi fil-31 ta' Awwissu 2021 huwa għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Belt *għaliex jiena kont id-dar, jiena dejjem bil-bieb miftuħ għax jiena hekk magħmul, bil-purtiera u ma tistax tħares ġewwa. Ġie dan il-bniedem quddiemi u ma nafx, ħatafni minn hawn* - u cioè mill-*underarm* tan-naħa tal-lemin - *baqa' dieħel u daħal biex jara x'ħa jieħu. Daħal hekk fuqi, imbuttanti, jiena għandi dahri mifqugħ u joħroġ kollox minn postu u daħal biex jara x'ħa jieħu u beda jara x'ħa jieħu u ħataf il-pouch taċ-ċwievet u jiena bdejt ngħidlu "u dak x'tambih?" U daħal u sab il-kartiera, daħal jara. Izommni hekk u hawn sibt il-bruises, jumejn wara ndunajt* - liema tbenġil kien fuq in-naħa tal-lemin. Sciberras iddikjara li huwa kien qed jipprova jirreżisti lil dan il-persuna u ħin minnhom entrambe waqgħu ma' l-art u meta dan il-persuna ġie biex joħroġ huwa pprova jaqbdu minn saqajh iżda ma rnexxilux jwaqqfu. Mal-waqa' Sciberras

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, fol. 23 u 24 tal-proċess.
[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, fol. 25 u 26 tal-proċess.
[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 33 u 34 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, fol. 27 sa' 30 tal-proċess.

ħabat il-minkeb tax-xellug u dahru fuq in-naħa tax-xellug, ġrieħi li skontu ġew anke kkonfermati mit-Tabib li invistah wara l-akkadut. Huwa kkonferma li id-dokument Dok. "DB5" a fol. 16 tal-proċess huwa ċ-ċertifikat mediku li kien għamillu Dr. Stefan Camilleri illi kien invistah. Onorato Sciberras iddikjara ulterjorment li dan kollu ġara għall-ħabta tad-9:30a.m. u li fil-kartiera kellu madwar €360. Iddikjara ukoll li fiż-żmien ta' l-akkadut huwa kellu 64 sena. Mistoqsi jekk jagħrafx lill-persuna li daħlet fuqu dakinhar u serqitlu l-kartiera, Sciberras ma setax jgħid b'mod ċert kienx l-imputat o meno stante li min daħal fuqu *ma stajtx narah sew għax hu ħatafni*.

**It-Tabib Dr. Stefan Camilleri**[22] ikkonferma ċ-ċertifikat mediku esebit bħala Dok. "DB5" a fol. 16 tal-proċess u ddikjara li huwa kien invista u eżamina lil Onorato Sciberras illi kellu *selħa u nefħa fil-minkeb tax-xellug, xi brix fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar u kien qed jilmenta minn uġiegħ kullimkien*. Dr. Camilleri kklassifika l-ġrieħi riskontrati fuq Onorato Sciberras bħala ġrieħi ħfief.

Il-filmati Dok. "DB8" ġew analizzati mill-**Espert Tekniku John Sacco** illi għadda biex joħroġ *stills* rilevanti għall-każ. Fir-Relazzjoni tiegħu, markata Dok. "JS" a fol. 65 sa' 82 tal-proċess, l-Espert Tekniku kkonstata u kkonkluda s-segwenti: *Dok. DB8 fih żewġ folders, wieħed imsemmi '1-A-3267-2021' u ieħor imsemmi 'Converted footage'. Iż-żewġ folders fihom żewġ AVI files il-wieħed ta' filmati tal-31 ta' Awwissu 2021 bejn 09:14:59 u 10:30:59 minn żewġ cameras cioè waħda Camara 1 u l-oħra Camara 2. Wara li analizza l-filmati l-esponent jisottometti illi persuna b'deskrizzjoni simili għal dik indikata fl-istqarrija u l-verbal a Dok. "DB1" u Dok. MJM1 rispettivament hekk kif speċifikat f'sezzjoni 2.2.1 u 2.2.2 ta' din ir-relazzjoni tidher fis-segwenti perijodu tal-filmati, kif ġej: bejn 10:00:04 u 10:00:47 tal-31 ta' Awwissu 2021 (ħin u data li jidhru fil-filmati) fuq "Camara 1" u Camara 2" tidher persuna b'xagħar qasir ta' kulur skur liebsa flokk, shorts u żarbun ta' kulur skur miexja ħdejn żewġ vetturi ipparkjati, waħda ta' kulur ċar bin-numru ta' reġistrazzjoni JEA-880 u oħra ta' kulur skur bin-numru ta' reġistrazzjoni DAD-474. Din il-persuna għandha oġġett ta' kulur ċar f'ideja tax-xellug u baskett ta' kulur skur imdendel b'ċinga minn spallejha tal-lemin għall-qaddha tax-xellug (Dok. JS1, fol. 1 sa' fol. 3). Fl-10:28:12 (ħin u data li jidhru fil-filmat) tidher vettura bil-kliem "Pulizija" fuq il-bieba ta' quddiem u fuq il-bumper ta' wara għaddejja fl-istess direzzjoni li ħadet il-persuna imsemmija fiż-żewġ paragrafi preċedenti (Dok. "JS1" fol. 4).*

Fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat xehdu s-segwenti:

**L-Ispettur Justine Grech**[23] illi xehdet li fil-31 ta' Awwissu 2021 l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga kienet qed tagħmel osservazzjonijiet ġewwa Alborado Hotel, High Street, Sliema, fejn eventwalment ġiet arrestata persuna fuq traffikar ta' droga. Waqt li kienu qed jagħmlu dawn l-osservazzjonijiet, innutaw persuna li kien ħafi, daħal fil-lukanda u wara ftit reġa' ħareġ u imbagħad reġa' daħal. Dan l-aġir ġie kkunsidrat bħala suspettuż u li dan il-persuna seta' kien involut mal-persuna li ġiet arrestata u għalhekk ġie arrestat ukoll. Il-persuna arrestata kien ċertu Nathan Magri, li l-Ispettur Grech għarfitu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri. Fil-ħin ta' l-arrest Magri kellu manbag u meta saret tfittxija fuqu nstabet kartiera kif ukoll sustanza suspettata Cannabis u sustanza suspettata Kokaina. Dawn is-sustanzi ntiżnu fil-preżenza ta' Nathan Magri u irriżulta li s-sustanza

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2022, fol. 59 tal-proċess.
[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 31b u 31c tal-proċess.

suspettata Cannabis kellha piż ta' 1.98grammi, filwaqt li s-sustanza suspettata Kokaina kellha piż, bil-borża b'kollox, ta' 1.70grammi. Ġol-manbag instabet, kif ingħad, kartiera li fiha kien hemm il-Karta ta' l-Identità ta' Onorato Sciberras, I.D. Nru. 498757(M). Magri kellu fuqu €50 fi flus kontanti, magħmula minn żewġ karti ta' €20 u karta waħda ta' €10. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija rriżulta li iktar kmieni dakinhar Onorato Sciberras kien għamel rapport li safa' misruq. Ir-rapport in kwistjoni jġib in-numru 1A3267/2021. Kif rat hekk l-Ispettur Justine Grech infurmat lill-Ispettur Daryl Borg bil-fatt li kellha taħt arrest lil Nathan Magri u li fuqu instabet il-kartiera ta' Onorato Sciberras. L-Ispettur Grech ippreżentat il-manbag tad-ditta Adidas li nstab fuq Nathan Magri, il-flus ammontanti għal €50 u żewġ mobile phones li wkoll instabu fil-pussess ta' Magri. Dan kollu jinsab f'evidence bag bin-numru M00110127 u ġie Esebit bħala Dok. "JG2".

Dak affermat mill-Ispettur Justine Grech ġie kkonfermat minn **PC1124 Steve Borg**[24], illi għaraf lill-imputat odjern bħala l-persuna li ġiet arrestata minnhom fil-31 ta' Awwissu 2021 u li fil-pussess tiegħu nstabet kartiera b'dokumenti u Karta ta' l-Identità tgħajjat lil Onorato Sciberras kif ukoll flus fl-ammont ta' €232.

Is-sustanzi elevati minn fuq l-imputat u esebiti mill-Ispettur Justine Grech bħala Dok. "JG1" ġew analizzati mill-**Espert Forensiku Gilbert Mercieca** illi fir-rigward iddikajra *ġo dan id-dokument kien hemm borża tal-plastic li kien fiha materjal ta' lewn aħdar u 3 boroż li kien fihom sustanza ta' lewn abjad. Il-materjal ta' lewn aħdar kien ikkonfermat bħala partijiet mill-pjanta tal-kannabis, il-piż kien ta' 0.93 grammi filwaqt li s-sustanza ta' lewn abjad li kienet fi 3 boroż kienet ikkonfermata bħala kokaina u l-piż kien ta' 1.06 grammi*[25]. Dak dikjarat mill-Espert Forensiku Gilbert Mercieca jinsab ikkonfermat fir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "GM" a fol. 93 sa' 101 tal-proċess.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel u t-tieni imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u bil-valur ta' aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 a detriment ta' Onorato Sciberras u bir-reat ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa fuq l-istess Onorato Sciberras, raġel li għalaq is-sittin sena.

Fir-rigward ta' l-elementi tar-reat ta' serq, li huwa r-reat prinċipali fejn jidħlu l-ewwel u it-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat in kwantu t-tieni imputazzjoni tista' tiġi assorbita fl-ewwel imputazzjoni, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma*

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2022, fol. 56 u 57 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Awwissu 2022, fol. 91 u 92 tal-proċess.

*Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi graita. In fatti ir-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misppropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Meta l-fatti li jirriżultaw mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluż il-fatt li ftit tal-ħin wara li l-kartiera ta' Onorato Sciberras, li kien fiha madwar €300, insterqet, din instabet fil-pussess ta' l-imputat b'€232 fiha, u l-istess imputat kellu fuqu xi boroz b'sustanzi suspettati llegali, jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati, jirriżulta li l-istess Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li kien l-imputat li seraq il-kartiera ta' Onorato Sciberras minn ġod-dar ta' l-istess Sciberras u li fil-kors ta' din is-serqa l-imputat għamel ġrieħi lil Onorato Sciberras.

Ix-xhieda ta' Onorato Sciberras, li ma ġiet bl-ebda mod sodisfaċentement kontradetta mill-imputat, hija, fil-fehma tal-Qorti, ferm konvinċenti u ta' min joqgħod fuqha. Apparte minn hekk mill-filmati ta' CCTV cameras fl-akkwati tar-residenza ta' Onorato Sciberras esebiti mill-Ispettur Daryl Borg u analizzati mill-Espert Tekniku John Sacco, kjarament jidher għaddej l-imputat liebes ħwejjeġ kif deskritti minn Sciberras u b'deskrizzjoni fiżika simili ħafna għall-persuna li effettivament serqet, u anke weġġħet, lil Sciberras.

Oltre dan hemm ukoll il-fatt li ftit tal-ħin wara li Sciberras għamel ir-rapport tiegħu mal-Pulizija dwar is-serq tal-kartiera, l-imputat ġie arrestat mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga u fil-pussess tiegħu nstabet appuntu l-kartiera ta' Onorato Sciberras b'ammont ta' flus fiha. Huwa prinċipju ormai assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *t-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati*

*ċerti fatti dawn jistgħu waħdehom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti (Vol. LXXIII 1998 Part IV fol. 322). Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21-126. "There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom, and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v. Loughlin, 35 Cr. App. R 69; R. Seymour 38 Cr App. R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery. In R v. Smythe 72 Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5$^{th}$ ed., p. 49 (now 8$^{th}$ ed. p.35). If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen*[26].

Ta' min jgħid ukoll li fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija, l-imputat ma ċaħadx li kien daħal fir-residenza ta' Onorato Sciberras u li seraqlu l-kartiera. Lanqas ma ċaħad li hu u Onorato Sciberras ġew fl-idejn. Għalkemm l-imputat ta l-verżjoni tiegħu ta' kif u għalfejn għamel li għamel, huwa naqas bl-iktar mod assolut milli jikkorobora l-istess fil-kors ta' dawn il-proċeduri permezz ta' provi opportuni u sodisfaċenti.

Jiġi ribadit għalhekk li mill-provi prodotti jirriżulta lil ninn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' serq ikkwalifikat bil-lok u bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda mhux iktar minn €2,329.47. Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li għall-finijiet ta' valur ser tistrih fuq il-figura ta' €300 mogħtija minn Onorato Sciberras *a tempo vergine* fil-ħin li għamel ir-rapport tiegħu mal-Pulizija ftit tal-ħin wara l-akkadut, iktar milli il-figura ta' €350 dikjarata mill-istess Sciberras fix-xhieda tiegħu fil-kors ta' dawn il-proċeduri. In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-vjolenza, il-Qorti tqis li din tirriżulta pruvata wkoll kemm mix-xhieda ta' Onorato Sciberras kif ukoll miċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-Tabib Dr. Stefan Camilleri u x-xhieda ta' l-istess Tabib, li fl-aħħar mill-aħħar jikkoroboraw dak li qal l-istess Sciberras għal dak li jirrigwarda l-ġrieħi li ġew kawżati lilu waqt is-serqa in kwistjoni. Dawn l-istess provi, oltre li jippruvaw il-kwalifika tal-vjolenza għar-reat ta' serq, ippruvaw lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati li kkawża ġrieħi ħfief ta' natura volontarja lil Onorato Sciberras. Mill-provi jirriżulta wkoll, del resto kif iddikjarat mill-istess Onorato Sciberras, li fiż-żmien ta' l-akkadut huwa kellu iktar minn sittin sena.

Għaldaqstant, jiġi ribadit, a bażi tal-provi prodotti l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Bit-**tielet u r-raba' imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli bil-pussess tal-pjanta Cannabis, kollha jew biċċa minnha, u bil-pussess tad-droga

[26] Il-Pulizija v. Stephen Borg, Appell Nru. 3/2020 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2020 u Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998.

Kokaina.

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ukoll, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati. Il-ħtija ta' l-imputat in verità tirriżulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Justine Grech kif ukoll, anzi b'mod prinċipali, mix-xhieda u Relazzjoni ta' l-Espert Forensiku Gilbert Mercieca illi, kif ingħad iktar 'l fuq, ikkonkluda li s-sustanza *lewn aħdar kien ikkonfermat bħala partijiet mill-pjanta tal-kannabis, il-piż kien ta' 0.93 grammi filwaqt li s-sustanza ta' lewn abjad li kienet fi 3 boroż kienet ikkonfermata bħala kokaina u l-piż kien ta' 1.06 grammi.*

Għaldaqstant l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li tagħhom qed jinstab ħati u ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tiġi assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih. Iżda ħati in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta, għadu ta' età relattivament żgħira u anke li huwa esperjenza problema ta' abbuż ta' droga qawwija, li naturalment iddettat l-aġir tiegħu fiż-żminijiet pertinenti għal dawn il-proċeduri, iżda tul il-kors ta' dawn il-proċeduri għamel l-almu kollu tiegħu biex jegħleb il-problemi tiegħu u jirriabilita ruħu, ħaġa li mix-xhieda ta' Maria Caruana[27], in rappreżentanza tal-Caritas, jirriżulta li rnexxielu jwettaq u effettivament bi ħsiebu jkompli jaħdem fuqha u jtejjeb is-sitwazzjoni u l-ħajja tiegħu. Mill-imsemmija xhieda ta' Maria Caruana fil-fatt jirriżulta l-perkors li rnexxielu jagħmel l-imputat, il-fiduċja tagħha fl-imputat li huwa rnexxielu jigwadanja ftit ftit maż-żmien, tant li hija lesta li personalment tirrakomandah għall-finijiet li jsib xogħol u impjieg xieraq.

**Decide:**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 214, 215, 221(1), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(2), 267, 269(g), 274(ċ), 276A, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u t-Taqsima IV u VI tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 8(d), 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ossia li l-imputat esperjenza problema ta' abbuż ta' droga qawwija li naturalment iddettat l-aġir tiegħu fiż-żminijiet pertinenti għal dawn il-proċeduri, iżda tul il-kors ta' dawn il-proċeduri għamel l-almu kollu tiegħu biex jegħleb il-problemi tiegħu u jirriabilita ruħu, ħaġa li irnexxielu jwettaq u effettivament bi ħsiebu jkompli jaħdem fuqha u jtejjeb is-sitwazzjoni u l-ħajja tiegħu, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-imputat u anke ta' l-età żgħira tiegħu, is-sorveljanza ta' l-imsemmi imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata l-kontinwata rijabilitazzjoni sħiħa tiegħu mill-vizzju tad-droga u anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li huwa jwettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 22(8) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2022, fol. 108 u 109 tal-proċess.

imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jaghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation tingħata lill-istess imputat.

Il-Qorti tordna li d-droga esebita fl-atti bħala Dok. "JG1", tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta u sussegwentement distrutta.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Onorato Sciberras qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' mitjen Euro (€200) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitejn Euro (€200) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' €1,047.84[28] rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco **u** s-somma ta' €354.00[29] rappreżentanti spejjeż in korsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Forensiku Gilbert Mercieca; komplessivament ammontanti għal **€1,401.84**.

Din is-somma ta' €1,401.84 għandha titħallas mill-imputat lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fi żmien disa' (9) xhur minn dakinhar li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dana permezz ta' disa' (9) pagamenti mensili konsekuttivi ta' €155.76 il-wieħed sal-ħlas tas-somma intiera ta' €1,401.84. L-ewwel pagament jagħlaq u jsir dovut fit-28 ta' Marzu 2023 u kull pagament sussegwenti u konsekuttiv jaghlaq u jsir dovut fit-28 gurnata tax-xahar. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas imqar pagament mensili wieħed, l-ammont ta' €1,401.84 jew kwalunkwe bilanċ pendenti jsir immedjatament dovut fl-intier tiegħu.

**MAĠSITRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[28] Fol. 71 tal-proċess.
[29] Fol. 101 tal-proċess.